# LIL OMM IN-NIKET

*Quddiem il-Madonna tad-Duluri,*
*Ta' Ġieżu, il-Belt.*

*Ta'* Pawlu Aquilina

Habbejtek dejjem, bħal ma taf, għax qalbi
Tħobb tiġi fejnek biex tarak sikwit;
Tħobb tiġi tfarrġek u titfarraġ minnek
U nħoss ġo fiha l-ferħ li nkun irrid.

Taf Int, Madonna, kemm-il darba nifsi
Kien wasal biex jintemm bi qtigħ-il-qalb
U reġa' fija ħa mill-qawwa u saħħa
Li tajtni Int ma' l-ewwel biki u talb.

Qatt ma ħallejtni... qatt ma bgħattni lura
Bid-dmugħ iċarċar ma' ħaddejja sfiq;
Dejjem tfajt f'ħarsti dik il-ħarsa ħelwa
Bid-dawl u d-dija biex turini t-triq...

Kull meta kont mitluf u għajjien mejjet,
Bla ħila, bla mistrieħ, bi dwejjaq kbar,
Sibt ġewwa ħarstek saħħa ġdida dejjem
U għabu minn ġo fija l-hemm u ċ-ċpar.

Darba ġejt niġri ġo dirgħajk u f'bikja
Ta' dmugħ u f'karba kollha wġigħ u mrar
Tlabtek għal ommi biex tagħtiha s-saħħa
U terġa' lura magħna minn l-isptar...

U ommi qamet kolliha ħila u saħħa,
Kif tlabtek jien, u reġgħet magħna d-dar.
Il-lum xbihetek tqim kuljum, bil-għożża,
Kull x'ħin tiftakar fik, bil-lejl, bin-nhar!

* * *

Il-lum ġejt għandek b'qalbi safja, sħiħa,
Mimlija faraġ milli sqejtni Int,
U miegħi ġibt ix-xebba li nħobb jiena:
Żomm lilı b'ibnek u 'l imħabbti b'bint.

Għax aħna rridu nagħtuk qalbna... ħudha,
Biex infarrġuk min-niket ta' daż-żmien...
Biex naraw fik, flok dmugħ, għajnejn imdawla,
U qalb imdawra bil-wardiet tal-ġnien!

Madonna tagħna, ħares lejna, żommna
Man-niket tiegħek ġewwa qalbek, sħaħ.
Ħallina ngħixu fik u bik, Omm tagħna,
Biex f'imħabbitna lejk ma nkunux xħaħ.

Mhijiex, Madonna, imħabba ta' bejnietna,
Jekk lilek ma nħobbukx tassew bil-ġenn.
Int Ommna dejjem! Ħalli qlubna f'waħda
Issib go fik l-imħabba, s-sliem u l-kenn.

U meta twarrad imħabbitna f'warda...
F'wardiet..., ħu Inti dal-wardiet ukoll!
Irridu ngħixu fik b'uliedna magħna
Biex tisboq imħabbitna l-ward tal-qroll.

Hekk... hekk, Madonna; irrid narak, ferħana...
Bija u b'imħabbti marbutin flimkien!
Berikha Int ir-rabta ta' imħabbitna
Biex tibqa' sħiħa tiegħek ma' kull żmien.